**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 16 ta` Novembru 2017**

**Kawza Nru. 19**
**Rikors Gur. Nru. 701/17 JZM**

**Western Union Business (Malta) Limited (C22339)**

***kontra***

**Global Gases Mediterranean Limited (C50076)**

**Il-Qorti :**

**A. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat fit-<u>3 ta` Awwissu 2017</u> **<u>bil-procediment sommarju specjali</u>** li jaqra hekk:–

*1. Illi s-socjeta` intimata kienet dahlet f`kuntratti msejjhin 'forward contracts' mas-socjeta` rikorrenti;*

*2. Illi s-socjeta` intimata saret debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta` mija u erbatax-il elf tmien mija tnejn u sittin Euro u sebghin centezmu (€114,862.70) in konnessjoni ma` dan il-`forward contracts`;*

*3. Illi permezz ta` ftehim (hawn anness u mmarkat bhala Dok. WU1), is-socjeta` intimata dahlet fi ftehim mas-soceta` rikorrenti sabiex thallas lura l-ammont dovut ta` mija u erbatax-il elf tmien mija tnejn u sittin Euro u sebghin centezmu (€114,862.70) b`pagamenti rateali;*

*4. Illi s-socjeta` intimata hallset biss l-ammont ta` hamsa u erbghin elf Euro (€45,000) mill-ammont originarjament dovut ta` mija u erbatax-il elf tmien mija tnejn u sittin Euro u sebghin centezmu (€114,862.70);*

*5. Illi n-nuqqas min-naha tas-socjeta` intimata illi thallas l-ammonti dovuti fiz-zmien stipulat fil-ftehim (Dok. WU1) kien ifisser illi, ai termini tal-istess ftehim, is-socjeta` rikorrenti kienet intitolata illi tfittex il-hlas tal-bilanc rimanenti minghajr il-beneficcju taz-zmien;*

*6. Illi s-socjeta` rikorrenti izda, regghet ippruvat tilhaq ftehim mas-socjeta` intimata sabiex isir il-hlas tal-bilanc rimanenti fiz-zmien miftiehem bejn il-partijiet u dan hekk jidher mill-ftehim hawn anness u mmarkat Dok. WU2;*

*7. Illi minkejja dan it-tieni ftehim, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti u ma hallset ebda ammont iehor;*

*8. Illi ghaldaqstant, is-socjeta` intimata hija debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta`* ***disgha u sittin elf tmien mija tnejn u sittin Euro u sebghin centezmu (€69,862.70)****;*

*9. Illi minkejja illi s-socjeta` intimata giet interpellata sabiex thallas dan l-ammont, hija baqghet inadempjenti;*

*10. Illi l-ammont dovut favur is-socjeta` rikorrenti huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-istess socjeta` rikorrenti jikkonkorru l-elementi kollha taht l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni*

*u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta), peress li fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti s-socjeta` intimata m`ghandha l-ebda eccezzjoni valida skond il-ligi xi tressaq kontra t-talbiet rikorrenti.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tghid is-socjeta` intimata, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:*

*1) Tiddeciedi din l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-**Artikoli 167 sa 170** tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*2) Tiddikjara li s-socjeta` intimata ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` **disgha u sittin elf tmien mija tnejn u sittin Euro u sebghin centezmu (€69,862.70),** u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*

*3) Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` **disgha u sittin elf tmien mija tnejn u sittin Euro u sebghin centezmu (€69,862.70)**, u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*

*Bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat prezenti sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-istess socjeta` intimata, li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat illi l-kumpannija konvenuta kienet debitament notifikata skont il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz ta` smigh tal-kawza.

Rat il-verbal tal-udjenza precedenti ghal din tal-lum.

Rat il-verbal tal-udejenza tal-lum.

Rat illi ghalkemm il-kumpannija konvenuta ssejhet diversi drabi biex tidher ghall-udjenza tal-lum, u ghal dik ta` qabel illum, baqghet ma dehritx.

Rat l-Art. 167 et sequitur tal-Kap. 12.

**Ghaldaqstant, fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta, il-Qorti qieghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh billi:**

**Tiddikjara li s-socjeta` intimata ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` disgha u sittin elf tmien mija tnejn u sittin Euro u sebghin centezmu (€69,862.70), u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.**

**Tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` disgha u sittin elf tmien mija tnejn u sittin Euro u sebghin centezmu (€69,862.70), u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.**

**Tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**